# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Mohamad Alnaser**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Mohamad Alnasar** ta' 38 sena, imwieled fil-11 ta' Ottubru, 1975 u residenti Carmen, Flat 1, Triq is-Serkin, Marsa u detentur ta' l-karta ta' l-Identita' numru 276413 (L) fejn ġie mixli talli fi 27 ta' Marzu, 2014 għal ħabta ta' 8:45 am fi Triq Ħal Qormi, Marsa :-

1. Ingurja jew hedded jew għamel offiza fuq Gwardjan Lokali G 579 Anthony Gerald Scinto, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzgħu jew li tinfluwixxi

fuqu kontra il-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 ta' l-Kap. 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014, quddiem din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras, l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Sarah Magri ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u nsemgħu zewg xhieda – Anthony Shinto (ara pagni 6 sa 10 ta' l-process ) u l-imputat Mohamad Alnasar (ara pagni 11 sa 17 ta' l-process).

Rat illi matul is-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014, dik il-Qorti kif presjeduta tenniet illi permezz tal-Att V tal-2014, l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat fis-sens illi l-piena għar-reat ikkontemplat fl-istess artikolu tal-liġi żdiedet bir-riżultat li l-istess reat eżorbita l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini ta' l-artikolu 370 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li in vista tal-fatt illi l-att V tal-2014 ġie fis-seħħ fil-25 ta' Marzu, 2014 filwaqt li l-imputazzjoni odjerna kienet tirreferi għas-27 ta' Marzu, 2014 għall-każ odjern kien japplika l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat. Għaldaqstant dik il-Qorti bagħatet l-atti tal-każ lir-Reġistratur sabiex jiġi assenjat skont il-liġi.

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 id-Deputat Reġistratur Doris Serpina eżebit ix-xhieda li kienet mismugħa minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras.

Rat li fid-dawl tal-fatt li dik ix-xiehda kienet traskritta l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li kienet għalqet il-provi tagħha.

Rat l-atti tal-kawża u rat id-deposizzjonijiet tax-xiehda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat : -

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u jirriżulta kunflitt serju fil-provi dwar kif seħħ l-allegat inċident.

# *DECIDE*

Li minħabba kunflitt serju fil-provi prodotti din il-Qorti qegħda ssib li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u għalhekk qegħda ssib lill-imputat mhux ħati

tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum id-19 ta' Diċembru, 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

*Aaron M. Bugeja*